# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 174/2016**

Il-Pulizija

vs

**Eric Sapiano**

iben John, imwieled Attaard fil-5 ta' Frar, 1969, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 134669(M)

Illum 20 ta' Gunju, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Eric Sapiano quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli Nhar it- 22 ta Frar 2012 f' xi hin wara nofs inhar, gewwa l-Knisja ta Ta' Giezu Ii tinsab Fi Triq san Gwann il-Belt Valletta:

1. Ikkommetta serq ta' patrimonju Malti u cioe ta' kwadru u pittura antika dedikata lil Sant' Anna liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur li huwa izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-

dannu ta Fr. Giuseppe Caruana u/jew persuni jew entitajiet ohra. Art 261 (c)(e), 267, 269(a), 279(b) u 280(1) tal- Kodici Kriminali.

2. Ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali cioe kwadru antik u pittura antika dedikata lil Sant' Anna filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f' Malta bi ksur tal- Art.53 (e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali. F'xi zmien bejn il- 21 u 27 ta' Awwissu 2014, gewwa l-Knisja ta Stella Maris fi triq il-Kbira Ta Sliema:

3. Ikkommetta serq ta' patrimonju Malti ta' armar tal-testa fil-Knisja u cioe vazun tal-fidda antik liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur li huwa izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta Fr. Joseph Bartolo u/jew persuni jew entitajiet ohra (Art 261(c)(e), 267, 269(a), 279(b) u 280(1) tal- Kodici Kriminali.

4. Ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali cioe ta' armar tal-festa fil-Knisja u cioe vazun tal-fidda antik filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f' Malta bi ksur tal- Art.53(e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

Nhar il-11 ta Frar 2015 f' xi hin filghodu gewwa Knisja Ta' San Pawl li tinsab fi Triq San Pawl il-Belt Valletta:

5. Ikkommetta serq ta' armar tal-festa fil-Knisja u cioe gastra banjata fil-fidda ghad-dannu ta Dun Alexander Cordina u/jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur. Art 261 (c)(e) , 267, 269(a), 279(a) u 280 tal-Kodici Kriminali.

Nhar it-30 ta' Awwissu 2014 f' xi hin wara nofs inhar, gewwa 1- Knisja Parrokkjali Ii tinsab gewwa Misrah il- Knisja, Safi:

6. Ikkommetta serq ta' Patrimonju Malti u cioe ta' Pissidi antik tal-fidda liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur li huwa izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u

sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu ta Fr. David Farrugia u/jew persuni jew entitajiet ohra. Art 261 (c)(e), 267, 269(a), 279(b) u 280(1) tal- Kodici Kriminali.

7. Ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali u cioe Pissidi tal-fidda antik filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f' Malta bi ksur tal- Art.53 (e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

Nhar it- 18 ta' April 2015 wara nofs inhar, gewwa l-Knisja Parrokkjali ta San Publju il-Floriana :

8. Ikkommetta serq ta' patrimonju Malti ta' armar tal-festa fil-Knisja u cioe vazun antik liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur ghad-dannu ta Stephen Tonna u/jew persuni jew entitajiet ohra Art 261 (c)(e), 267, 269(a), 279(a) u 280(1) tal- Kodici Kriminali.

9. Ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali li huwa Armar tal-festa fil-Knisja u cioe vazun tal-fidda antik filwaqt Ii kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f' Malta bi ksur tal-Art.53 (e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

F’xi żmien qabel Awissu 2014 ġewwa l-Knisja ta’ Stella Maris, fi Triq il- Kbira Tas-Sliema :

10. Ikkommetta serq ta' patrimonju Malti li jikkonsisti f’żewġ lampieri tal- fidda li kienu jifformaw parti minn sett ta’ lampieri mżejna fil-Knisja liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-valur ghad-dannu ta Fr. Joseph Bartolo u/jew persuni jew entitajiet ohra Art 261 (c)(e), 267, 269(a), 279(a) u 280(1) tal- Kodici Kriminali.

11. Ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali li jikkonsisti f’żewġ lampieri tal- fidda li kienu jifformaw parti minn sett ta’ lampieri mżejna fil-Knisja ta’ Stella Maris filwaqt li kien jaf li dawn kienu tnehhiedu illegalment f' Malta bi ksur tal-Art.53 (e) tal-Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

12. F'xi zmien wara 1-14 ta April 2012 gewwa Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe platt tal-fidda antik bl-emblema ta' San Duminku (Patrimonju Malti) b'valur li huwa izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu ta Fr. Alfred Sciberras u/jew persuni jew entitajiet ohra, bi ksur ta' Art 334 (a), 279(b) tal-Kodici Kirminali.

13. F'xi zmien wara l-14 ta April 2012 gewwa Malta ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali li huwa platt tal-fidda antik bl-emblema ta' San Duminku filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f' Malta bi ksur tal-Art.53 (e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

14. F'xi zmien qabel il-21 ta' April 2015 gewwa Malta ircieva jew iddetjena proprjeta kulturali Ii huwa salib tar-ramm li kien jifforma parti min opra sacra filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f'Malta bi ksur tal-Art.53 (e) tal- Kap 445 dwar Wirt Kulturali.

15. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'każ ta sejbien ta' htija, joghgobha trendi effettiva sentenza ta' sitt xhur prigunerija li kienet sospiza ghal zmien tlett snin mghotija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. M. Farrugia nhar 14 ta' Novembru 2012 liema sentenza saret defenittiva u ma tistax tinbidel.

16. Mitluba wkoll titratta ma Eric Sapiano bhala recidiv ta' sentenza moghtija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. M. Farrugia nhar 14 ta Novembru 2012 liema sentenza saret defenittiva u ma tistax tinbidel u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Mejju, 2016 fejn il-Qorti wara li li wara li rat l-Artikoli 17, 28A sa 28H, 31,49, 50, 261(c)(e), 267, 269(a), 279(a)(b), 280(1), 289, 334(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 53(e) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta'

Malta sabet lil Eric Sapiano, mhux ħati tal-addebitu tar-reċidiva kontestat lilu fl-aħħar imputazzjoni, u għalhekk illiberatu minnha.

Inoltre, fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjonijiet kontestati lill-imputat, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess għall-imsemmija imputazzjonijiet, il-Qorti sabitu ħati tal-istess imputazzjonijiet. Fir-rigward tal-ħmistax il-imputazzjoni għażlet li ai termini tal-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, tastjeni milli tagħmel ordni taħt l-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk ħalliet fis-seħħ dak il-perjodu operattiv. Fir-rigward 9 tal-kumplament tal-imputazzjonijiet jiġifieri l-imputazzjonijiet numri wieħed sa' erbatax meta l-Qorti rat l-ammissjoni tal-imputat, kif ukoll il-fedina penali tieghu, nonche' l-fatt li hu kkollabora mal-Pulizija (mhux il-każ li tiġi applikata l-piena fil-massimu tvarja bejn sitt jew seba' snin għal kull reat, li applikati l-prinċipji tal-Artikolu 17(b)(h) tal-Kodiċi Kriminali jistgħu jwalsu għal massimu li jaqbeż l-għoxrin sena priġunerija li din il-Qorti tqis li ma tkunx waħda proporzjonata u b'hekk għażelet li teroga piena qrib il-minimu), ikkundannatu għall-piena komplessiva ta' seba' snin priġunerija effettiva.

Inoltre wara li ħadet in konsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni magħmula mill-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud, il-Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex isir assessjar psikoloġiku tal-ħati u biex minn hemm ikun jista' jsir pjan ta' kura għalih.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation il-Qorti poġġiet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' sentejn millum ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, u dan bil-għan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili nonche sabiex jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet psikoloġiċi li huwa jinstab affett minnhom, b'dan li għal dan l-iskop qegħda tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jaħtar professjonisti adetti mal-10 istess Faċilita sabiex jippreskrivu dawk it-trattamenti u/jew kura u/jew programmi kollha li jkunu meħtiega biex il-ħati jegħleb b'suċċess dawn id-diffikultajiet liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti illum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha

elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u kif ukoll il-konsegwenzi f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti kkundannat lill-ħati wkoll għall-ħlas, lir-registratur, tal-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fl-inkjesta u konfermati matul dawn il-pro eduri li sad-data tas-sentenza jammontaw għas-somma totali ta' tliet elef, tminn mija, ħamsa u għoxrin euro sitta u ħamsin ċenteżmi (€3825.56). Il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-zmien mogħti mil-Liġi.

Billi b`sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, Eric Sapiano ta' 46 sena, bin il-mejtin John u Giorgina xebba Cassar, imwieled Ħ'Attard nhar il-5 ta' Frar 1969 u residenti fil-fond numru 67, F11, Triq Santa Margerita, Tas-Sliema u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 134669M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, il-Qorti tista' twaħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Wara li l-ħati wriet li jrid tħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

Għalhekk, ordnat li l-ħati Eric Sapiano jitpoġġa taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' sentejn millum taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija :

1. It-Trattament ser ikun sabiex il-ħati jagħraf jegħleb diffikultajiet priskoloġiċi li jidher maħkum minnhom u dan skont kif l-Uffiċjal Sorveljanti li għandu jiġi maħtur lilu mid-Direttur

tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħati u dan sabiex il-ħati jiġi analizzat u trattat għall-imġieba tiegħu.

2. B'mod partikolari l-ħati għandu joqgħod għal dawk id-direttivi jew ordnijiet mogħtija lilu mill-Uffiċjal Sorveljanti fir-rigward ta' kwalunkwe test jew analiżi li l-istess Uffiċjal iħoss li jkunu meħtieġa u kif ukoll li l-ħati għandu jsegwi u joqgħod għal dawk il-programmi jew trattamenti li l-istess Uffiċjal jista' jippreskrivi lill-ħati minn żmien għal żmien.

3. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom jista jiġi riferut minnu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

4. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja kull sitt xhur.

Ordnat li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin.

Rat ir-rikors tal-appellanti Eric Sapiano minnu pprezentat fit-12 ta' April, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha Sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-part tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel hmistax-il akkuza;

Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant mill-addebitu tar-recidiva skond l-akkuza numru sittax;

Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-appellant ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fi stadju bikri hafna, u cioe' fl-ewwel seduta wara l-prezentata quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Glenn Neil Scicluna Et, decizanhar is-27 ta' Marzu tas-sena 2014, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ghamlet referenza ghall-

Archbold li jikkwota l-Guideline: Reduction in Sentence for a Guilty Plea [22-102] u fl-artikolu 2 fejn jinghad li:

“The key principle is that the purpose of giving a reduction is to recognise the benefits that come from a guilty plea not only for those directly involved in the case in question but also enabling Court more quickly to deal with other outstanding cases.”

Illi barra minn hekk, enfazi trid issir fuq il-fatt li ir-res furtiva giet rintracciata kollha. l-appellant gentilment jaghmel referenza ghall-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali ta’ Malta li ghall-chiarezza tal-Ligi jisthoq li fil-kaz ta’ serq, jekk il-hati qabel ma jitressaq quddiem il-Qorti jikxef kull persuna li setghet laqghet ghanha l-proprjeta’ misruqa u jikkonsenja lill-awtorita’ l-properjeta’ kollha misruqa, il-piena stabbilita titnaqqas b’zewg gradi.

Illi fil-kaz odjern, dan l-Artikolu tal-Ligi ma jistax jigi applikat, izda xorta wahda l-appellant umilment jeccepixxi li l-gest tal-Legislatur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni. Zgur li wiehed mill-elementi krucjali ta’ dan l-Artikolu u l-hsieb tal-istess Legislatur huwa li r-rifurtiva tigi mrodda lkollha ura.

Illi stante li r-res furtiva kollha giet rintracciata, l-appellant umilment jisthoq li nonostanti l-fatt li l-Onorabbli Qorti hija prekluza milli tikkoncedi it-tnaqqis indikat fl-istess artikolu tal-Ligi, dan il-fatt fih innifsu ghandu jqanqal lill-Onorabbli Qorti sabiex tinfliggi piena li tkun ferm verso l-minimu.

Illi barra minn hekk, gurisprudenza lineari mill-qrati Maltin dejjem sehqet li l-piena m’ghandiex isservi bhala vendikazzjoni tas-socjeta fil-konfront tal-hati. Fil-fatt, fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Andy Calleja deciza nhar id-9 ta’ Gunju tas-sena 2005, l-Onorabbli Qorti tal-Appell kriminali, (Sede Superjuri) sehqet illi:

“Din il-Qorti taqbel ma’ l-appellant li l-piena m’ghandhiex isservi bhala xi forma ta’ “vendikazzjoni tas-socjeta” fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta’

dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-risarciment tad-dannu da parti tal-hati (haga li f'dan il-kaz ma tistax issir ghal ragunijiet ovvji) kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dejjem iridu jipprovaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."

Illi l-appellant jikkondivi bis-shih il-hsieb espress b'sapienza kbira mill-Onorabbli Qorti u zgur li japprezza l-gravita tas-sitwazzjoni, izda l-appellant ma jistax ma jinnotax li l-Onorabbli Qorti ghamlet enfazi kbira fuq zewg punti principali: ir-rizarciment tad-dannu u r-riforma tal-istess hati.

Illi b'umilta kbira l-appellant jisthoq li r-res furtiva giet irritonata kollha lura u illi  hawnhekk mhux qed nitkellmu fuq persuna li huwa ta' xi forma ta' periklu lejn is-socjeta'. L-appellant zgur li japprezza l-fatt li ghalkemm huwa beda triq lejn riforma shiha, xorta wahda din it-triq hija wahda twila u iebsa, izda huwa lest li jaghmel dak kollu necessarju sabiex jirriforma ruhu. Dejjem irid jinzamm amment li hawn m'ghandniex persuna ta' passat kriminali li ghandha l-vizzju ikrah tad-droga, izda si tratta ta' persuna li ghandha bzonn l-ghajnuna psikologika sabiex tkompli fir-riforma taghha.

Illi apparti dawn iz-zewg punti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell sehqet ukoll li l-piena ghandha sservi ukoll sabiex is-socjeta' tigi protetta u sabiex is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali.

Illi fuq dawn iz-zewg punti, l-appellant jisthoq li bl-ghajnuna psikologika necessarja, kif rrakomandata mill-Ufficjal tal-Probation u eventwalment mill-Ewwel Onorabbli Qorti, huwa mhux ta' minaccia ghas-socjeta' u dan minhabba l-fatt li hu m'ghandhux dawk il-vizzji li ser jergghu jwaqqawh fit-triq tal-kriminalita'. Fuq it-tieni punt, l-Appellant umilment jeccepixxi li jekk il-piena nflitta tkun dik fil-minimu preskritt mill-Ligi, din xorta wahda sservi bhala deterrent generali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Illi l-appellant mhuwiex qed jippretendi li ma ghandhux jinghata piena ta' prigunerija izda fil-fehma tieghu l-piena nflitta kellha tkun iktar lejn il-minimu konsentit mill-ligi. L-argument tieghu hu li hu gie ndotta ghal eghmil tieghu minhabba ncident li gralu f'hajtu li hu spjegat sew fil-'pre-sentencing repport' misjub fl-atti ta' dan l-appell. Hu jikkontendi li r-refurtiva giet ritornata kollha u mhux talli hekk li hu ndukra qiesa tieghu. Din ir-refurtiva kienet esposta fil-vetrini tad-dar tieghu u dan jindika mhux agir kriminuz izda agir ta' persuna li sofriet trawma f'hajjitha u li qed tfieq billi jaraw u jammira dawn l-oggetti.

Illi ma hemm dubju li l-hati ghandu jinghata ghajnuna waqt id-detenzjoni tieghu, kif jirrizulta mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz temperament fil-piena tkun haga f'waqtha tenut kont tal-fatt ukoll li l-hati ma jirraprezenta ebda perikolu ghas-socjeta' taghna.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonferma fl-inter taghha s-sentenza erogata mill-ewwel Qorti. Dwar il-piena. Tilqa l-appell ta' Eric Sapiano. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' seba' snin prigunerija u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' sitt snin prigunerija.